MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI,
AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

LIĠI BIEX TIRREGOLA

# L-KOABITAZZJONI

## X'inhi l-liġi li ser tirregola l-koabitazzjoni?

Il-Parlament approva liġi li tirrikonoxxi u tirregola forom differenti ta' koabitazzjoni bil-għan li jipproteġi u jagħti aktar drittijiet lill-koppji li jgħixu flimkien. Sa issa, il-liġi Maltija ma kinitx tirrikonoxxi koppji li jikkoabitaw, u allura f'għajnejn il-liġi dawn ma kellhom ebda dmirijiet jew drittijiet li joħorġu mir-relazzjoni tagħhom.

Il-liġi li tirregola l-koabitazzjoni taħseb f'dawk il-koppji li ma jixtiqux ikunu regolati mill-istituzzjonijiet taż-żwieġ jew unjoni ċivili, iżda xorta jixtiequ li l-għażla tagħhom li jgħixu flimkien tkun rispettata u tingħata d-drittijiet li jistħoqqilha.

Din il-liġi nkitbet b'mod miftuħ u flessibli, fis-sens li tagħraf li kull koppja għandha l-preferenzi tagħha ta' kif tirregola r-relazzjoni. Għalhekk, il-proposta taħseb f'firxa wiesgħa ta' possibilitajiet għal koppji li jikkoabitaw, filwaqt li tipproteġi wkoll il-partijiet vulnerabbli.

## Min jista' jikkoabita?

Il-liġi tħalli lil kull koppja li tixtieq tikkoabita fil-libertà. Dan ifisser li kull koppja li tqis lilha nnifisha li qiegħdha f'relazzjoni intima, u li tixtieq tgħix fl-istess post flimkien hija rikonoxxuta minn din il-liġi. Koppji li parti minnhom jew it-tnejn li huma huma separati legalment jistgħu wkoll ikunu rikonoxxuti bħala koabitanti *de facto*.

Il-koabitazzjoni għandha l-istess limitazzjonijiet li tagħmel il-liġi li tirregola ż-żwieġ. Dan ifisser li kuntratt ikun null u bla effett jekk isir:

- ma' persuna taħt l-età;
- bejn axxendent u dixxendent f'linja diretta;
- bejn aħwa;
- bejn persuni li huma qraba b'affinità fil-linja diretta;
- bejn min jadotta u l-persuna adottata;
- bejn persuni li waħda minnhom ma tistax tagħti l-kunsens tagħha.

Aktar minn hekk, din il-liġi żżid kundizzjonijiet oħra, fejn kuntratt huwa wkoll null u bla effett jekk isir:

- bejn persuni li jkunu diġà marbutin fi żwieġ jew unjoni ċivili ma' xulxin jew ma' persuni oħrajn;
- bejn persuni li jkunu marbutin b'kuntratt ta' koabitazzjoni ieħor ma' persuni oħrajn, kemm permezz ta' kuntratt kif ukoll permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali;
- bejn koppja li diġà għandhom ir-relazzjoni tagħhom regolata minn liġi barranija li għandha effett legali f'Malta.

## Kif tapplika din il-liġi? X'forom ta' koabitazzjoni huma legalment rikonoxxuti?

Il-liġi tħares lejn 3 forom ta' koabitazzjoni possibbli:

### (i) Koabitazzjoni de facto:

Koppji li ilhom jikkoabitaw għal tal-anqas sentejn, iżda ma jridu l-ebda rbit legali, jitqiesu bħala koabitanti de facto. Koppji li parti minnhom, jew it-tnejn li huma, huma legalment separati ukoll jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala koabitanti f'dan il-każ. Din it-tip ta' koabitazzjoni la toħloq drittijiet u obbligi legali tal-koabitanti lejn xulxin u lanqas toħloq rikonoxximent legali tar-relazzjoni bejn il-koppja. Madanakollu, wara sentejn ta' koabitazzjoni, dawn il-koppji jingħataw sett ta' drittijiet bażiċi, jiġifieri:

- il-koabitanti jitqiesu bħala koinkwilini ta' xulxin fir-rigward ta' kiri tar-residenza fejn ikunu qegħdin jgħixu flimkien;
- jitqiesu bħala l-eqreb persuna ta' xulxin;
- jingħataw id-dritt illi jieħdu deċiżjonijiet mediċi għal xulxin;
- jingħataw id-dritt illi jagħżlu li ma jixhdux kontra xulxin fi proċeduri legali, kif inhu permess lill-miżżewġin jew dawk li jidħlu f'unjoni ċivili.

F'dan il-każ, il-koabitanti m'għandhom bżonn jagħmlu l-ebda dikjarazzjoni uffiċjali u huma fil-libertà li jgħixu kif jixtiequ huma, mingħajr ma jkollhom ir-relazzjoni tagħhom regolata b'mod legali.

### (ii) Koabitazzjoni permezz ta' kuntratt:

F'dan il-każ, il-liġi tħares lejn koppji li jridu jikkoabitaw, jew li diġà qegħdin jikkoabitaw, u li jkunu jixtiequ jirregolaw ir-relazzjoni tagħhom b'mod formali. Għaldaqstant, quddiem nutar, dawn jiffirmaw kuntratt li jiġi formulat skond ix-xewqa tal-koppja, li jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u permezz ta' dan isir att pubbliku legalment validu.

Dan il-kuntratt huwa flessibbli għall-aħħar u l-liġi tirrikjedi li bħala minimu, il-kuntratt għandu jkollu dawn il-punti stabbiliti, bħala protezzjoni kemm tal-koppja nnifisha kif ukoll tal-ulied li diġà għandhom jew għad ikollhom:

- liema hi d-dar li ser isservi jew diġà sservi bħala r-residenza primarja tagħhom, kif ukoll it-titolu legali li huma t-tnejn għandhom fuqha, u kif dawn jiġu trasferiti f'każ li r-relazzjoni tispiċċa;
- kif għandhom jinqasmu l-assi u djun li jkollha l-koppja f'każ ta' firda;
- il-manteniment li għandu jingħata f'każ li waħda mill-partijiet hi jew ser issir dipendenti fuq l-ieħor, u l-perċentwal taż-żieda annwali tal-istess manteniment, jekk il-koppja tagħżel li xi parti tagħti manteniment;
- materji relatati mal-ulied, kemm tal-koppja kif ukoll dawk ġejjin minn relazzjonijiet oħrajn, bħal kura u kustodja f'każ ta' firda, id-dritt li jgħixu magħhom fir-residenza magħżula, u manteniment għalihom fejn l-ulied huma dipendenti.

Mill-bqija, il-liġi tħalli lill-koppja tirregola lilha nnifisha kif tixtieq, sakemm l-ebda deċiżjoni ma tirfes fuq id-dritt ta' ħaddieħor.

L-Att jagħti numru kbir ta' drittijiet lill-koabitanti li jirreġistraw permezz ta' kuntratt. Il-livell ta' impenn li l-koppja turi fil-kuntratt huwa rifless fin-numru ta' drittijiet u dmirijiet li jingħatawlhom bħala riżultat ta' din ir-rabta. Dawn id-drittijiet huma simili ħafna għad-drittijiet tal-miżżewġin u ta' dawk li jidħlu f'unjoni ċivili, fosthom drittijiet ta' suċċessjoni u drittijiet ta' benefiċċji soċjali.

### (iii) Koabitazzjoni Dikjarata / Unilaterali:

F'dan il-każ, il-liġi tagħti l-opportunità lil parti waħda mill-koppja sabiex tiddikjara koabitazzjoni eżistenti permezz ta' ittra reġistrata. Din tapplika għal persuni li qegħdin jikkoabitaw u jixtiequ li d-drittijiet bażiċi tagħhom skond dan l-Att jingħatawlhom, iżda l-parti l-oħra ma tixtieqx li tidħol f'irbit. F'din is-sitwazzjoni fejn il-parti hi potenzjalment vulnerabbli, il-liġi tagħti lil dan il-koabitant id-dritt sabiex jirregola lilu nnifsu skond dan l-Att.

Dikjarazzjonijiet unilaterali ser jiġu aċċettati biss sa żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, u dan sabiex nagħtu ċans lil kull min jinsab f'sitwazzjoni vulnerabbli li jirregola ruħu. Ma' tmiem dawn il-ħames snin, dikjarazzjonijiet unilaterali ma jkunux jistgħu jsiru aktar.

Ladarba din l-ittra tkun reġistrata u ma jeżisti l-ebda kuntratt ta' koabitazzjoni li jieħu preċedenza, u l-parti l-oħra ma tirreġistra l-ebda oġġezzjoni, il-partijiet ikollhom id-drittijiet u dmirijiet bażiċi kollha li dan l-Att jagħti lill-koabitanti.

Madanakollu, din l-ittra taffettwa biss lill-koppja, u mhux lil terzi persuni. Il-koppja tista' imbagħad tagħżel li tersaq lejn kuntratt reġistrat, u l-ittra reġistrata ssir nulla u bla effett.

## Kif tista' tiġi terminata koabitazzjoni?

F'każ fejn ir-relazzjoni tintemm, m'hemmx bżonn ta' proċessi twal u kumplessi. Fejn il-koabitazzjoni kienet waħda *de facto* u għaldaqstant mhux formalment regolata mil-liġi, il-liġi tħalli f'idejn il-partijiet sabiex jiddeċiedu kif ser itemmu r-relazzjoni tagħhom.

Fejn ir-relazzjoni kienet regolata permezz ta' kuntratt u l-koppja tixtieq tinfired, din ir-relazzjoni tintemm permezz ta' att pubbliku reġistrat li jtemm il-kuntratt. Il-kuntratt jista' jintemm ukoll permezz ta' rikors minn wieħed mill-partijiet sabiex jitlob lill-Qorti tiddikjara l-kuntratt mitmum.

Minn dak il-punt 'il quddiem, id-drittijiet u dmirijiet li joħorġu mill-kuntratt stess dwar it-tmiem tar-relazzjoni huma infurzabbli, fosthom li ż-żewġ koabitanti għandhom id-dritt li jibqgħu jgħixu fid-dar komuni tagħhom għal perjodu raġjonevoli, sakemm isibu residenza oħra.

Il-kuntratt ta' koabitazzjoni jew l-ittra uffiċjali, f'każ ta' dikjarazzjoni unilaterali, jintemm ukoll f'każ li l-koppja tiddeċiedi li tidħol f'kuntratt ta' żwieġ jew unjoni ċivili.